MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 336/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**vs**

**Mohammed Al Khelfawi**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u hamsa u disghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€10,795.25), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut minn Mohammed Al Khelfawi lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009, u dana in segwitu ta', u skond *Client Contract No* 441412, 1019861, 436013,

436015, 437624, liema kuntratt huwa ffirmat minn Mohammed Al Khelfawi;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju tas-sena 2009, u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx,
la fl-20 ta’ Ottubru tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Mohammef El Khelfawi ihallas is-somma ta’ ghaxart elef, seba’ mija u hamsa u disghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€10,795.25) lis-socjeta` rikorrenti Mobisle Communications Limited (C-24655);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------